MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2010

Numru. 419/2007

Il-Pulizija
(Sp Anthony Portelli)
vs
Charles Guntrip, iben Joseph, imwieled Pieta' fis-17 ta' Lulju, 1979, Karta ta' l-Identita numru 355579(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

1. talli fl-4 ta' Marzu, 2005 ġewwa l-Imġarr (Malta) f'xi ħin bejn it-8.00 a.m. u l-4.00 p.m. waqt li kien ma persuna oħra, ikkometta serq ta' diversi muniti antiki u ammont mhux magħruf ta' dollari awstraljani li l-valur tagħhom jeċċedi s-somma ta' Lm100 iżda anqas minn Lm1,000 mill-fond 'Australiana', Triq il-Kbira, Mġarr għad-dannu ta'

Duminku Schembri mill-Imġarr (Malta) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur;
2. talli fl-istess data, lok ħin u ċirkostanżi għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' ħsara fil-bieb ta' barra ta' l-imsemmija residenza, liema ħsara teċċedi l-Lm10 iżda ma teċċedix Lm50 għad-dannu ta' l-imsemmi Duminku Schembri;
3. talli fl-4 ta' Marzu, 2005 ġewwa x-Xemxija, San pawl il-Baħar għal ħabta tat-3.00 p.m. waqt li kien ma persuna oħra, dolozament bil-ħsieb li jikkometti reat, u cioe' dak ta' serq aggravate, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, u cioe' ta' serq ta' mutur tal-baħar 'outboard', ta' l-għamla Yamaha 9.9, proprjeta' ta' Joseph Facchetti minn San Pawl il-Baħar, liema delitt ma seħħx minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu, liema delitt li kieku seħħ kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeċċedi l-Lm100 iżda li ma jeċċedix l-Lm1,000;
4. talli f'dawn il-Gżejjer, f'xi jum bejn il-perjodu ta' bejn l-4 ta' Marzu, 2005 u ix-xhur ta' qabel din id-data assoċja ruħu ma persuna oħra bil-għan li jagħmel delitt f'Malta u cioe' delitt ta' serq ta' mutur tal-baħar ta' l-għamla Yamaha 9.9, li jiswa aktar minn Lm100 iżda anqas minn Lm1,000 liema delitt huwa punibbli b'piena ta' priġunerija li mhuwiex delitt taħt l-Att dwar l-Istampa, skont l-artikolu 48A(1) tal-Kodiċi Kriminali;
5. talli kiser il-dispozizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-13 ta' Novembru, 2003.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Ġunju, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoniu lill-avukata ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(e), 263, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 325(1)(ċ), 41(1)(a) u 48A(1) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Hu ċar li l-imputat għandu problema ta' dipendenza fuq id-droga u għalhekk id-Direttur tal-Faċilita Korrettiva hu mitluba sabiex jestendi l-għajnuna kollha possibbli biex l-imputat ikun jista' jegħleb dan il-vizzju.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------